MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 257/2007

**Maltacom p.l.c. C22334**

**Vs**

**Emanuel Caruana I.D. 673756(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Marzu, 2007 fejn gie premess illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija tlieta u disghin Liri Maltin u tlett centezmi (Lm393.03) liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 2164 0610 skond kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati Dok A u B u peress illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa` inadempjenti kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz kontra l-konvenut li min issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra illi l-konvenut gie debitament notifikat;

Ra illi l-konvenut deher fis-seduta tat-18 ta’ April 2007 u bil-gurament tieghu ammetta illi l-ammont minnhu riklamat huwa dovut izda xtaq zmien sabiex ihallas l-istess ammont minnu mitlub, liema kawza allura ma kienx qed jikkontestha.

Ra l-atti kollha;

Ikkunsidra illi l-kawza mhix kkontestata u anzi hija ammessa mill-konvenut, b’dan illi xtaq ftit taz-zmien sabiex ikun jista` jhallas.

It-Tribunal ma jistghax, gja la darba ma giex ivverballizzat ftehim bejn il-kontendenti u talbu illi tali ftheim jifformi parti integrali mid-decizjoni, jasal biex jakkorda zmien ghall-hlas jew jaqsam il-hlas dovut f’rati mensili, izda jista` biss, u hekk qieghed jaghmel, jirrakkomanda lis-socjeta` attrici, tenut kont dak li xehed il-konvenut, taghmel tentattiv sabiex tasal f’akkordju dwar metodu ta’ hlas mal-konvenut, rakkomandazzjoni li t-Tribunal jaghmel car illi mhix parti mid-decide hawn maghmula.

Ghaldaqstant it-Tribunal, wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta’ tlett mija u tlieta u disghin Liri Maltin u tlett centezmi (Lm393.03), bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------